

## DEĊIŻJONI EUPOL COPPS/1/2011 TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ

tal-20 ta' Diċembru 2011

**li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fit-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)**

(2012/28/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/784/PESK tas-17 ta' Diċembru 2010 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fit-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

- (1) Konformement mad-Deċiżjoni 2010/784/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, b'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bil-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u t-tmexxija strateġika tal-EUPOL COPPS, inkluża b'mod partikolari d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fil-15 ta' Diċembru 2009, fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà (RGħ), il-KPS ħatar permezz tad-Deċiżjoni EUPOL COPPS/2/2009 <sup>(2)</sup> lis-Sur Henrik MALMQUIST bħala Kap tal-Missjoni EUPOL COPPS.

(3) Il-RGħ proponiet li l-mandat tas-Sur MALMQUIST bħala Kap tal-EUPOL COPPS jiġi estiż mill-1 ta' Jannar 2012 sat-30 ta' Ġunju 2012.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Henrik MALMQUIST bħala Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fit-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) huwa b'dan estiż mill-1 ta' Jannar 2012 sat-30 ta' Ġunju 2012.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika sat-30 ta' Ġunju 2012.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2011.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

*O. SKOOG*

<sup>(1)</sup> ġu L 335, 18.12.2010, p. 60.

<sup>(2)</sup> ġu L 330, 16.12.2009, p. 78.